**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 t'Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 59/2009 MLF**

**Mario Tonna, u b'digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 2019, l-atti gew trasfuzi fuq Dionne Tonna Trifiro u Kristel Lund Tonna, stante l-mewt tar-rikorrenti Mario Tonna**

**vs**

**Edwin Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija L&M Camilleri Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Mario Tonna fejn espona bir-rispett:

Illi permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici Civili Edwin Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 44755(M), bhala direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija L & M Camilleri Ltd bir-registrazzjoni numru C3590, qed jallega illi parti mill-arja tal-fond bin-numru wiehed (1) f'Ghar Lembi, Sliema giet

abbusivament zviluppata mill-esponenti minghajr il-kunsens tal-kumpanija L & M Camilleri Ltd u li dan ikkawza danni fl-ammont ta' €9,466.90 lill-istess kumpanija;

Illi din l-ittra kienet giet reza ezekuttiva fin-nuqqas ta' risposta da parti tal-esponent;

Illi l-esponent ma kienx jaf bil-procedura msemmija u meta rcieva mandat ta' sekwestru, ha passi immedjati u pprezenta rikors opportun fl-ismijiet premessi permezz ta' liema talab ir-revoka tat-titolu ezekuttiv premess;

Illi l-procedura ghar-revoka tat-titolu ezekuttiv ghadhom pendenti;

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponent iddepozita permezz ta' cedola garanzija bankarja ghall-ammont mitlub;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess u dan pendenti l-proceduri pendenti quddiem din l-Qorti (rikors numru 388/08 CSH).

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2009, fejn laqghet provvizorjament it-talba fir-rikors promotur.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Gunju 2009, fejn ghar-ragunijiet hemm esposti ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv sakemm il-proceduri fir-rikors numru 388/08 jigu decizi b'mod finali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Dicembru 2009, fejn ghar-ragunijiet hemm esposti ordnat li ghalissa s-sospensjoni provizorja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skont id-digriet tal-20 ta' Frar 2009, u irrimettiet l-atti lura lill-ewwel Qorti biex hemm dik il-Qorti taghti provvediment finali skont l-ezitu tar-rikors Numru 388/08 bejn l-istess partijiet.

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2010 fejn gie verbalizzat hekk: *"L-Avukat Joanne Vella Cuschieri tinforma lill-Qorti illi sallum nonostante l-procedura anke marret fl-appell, l-*

*intimat Camilleri ghadu mhux notifikat skont il-ligi bir-rikors datat fit-13 ta' Frar 2009 li jidher a fol. 1 tal-process* (cioe r-rikors promotur), *ghaldaqstant l-intimat qed jaghti ruhu b'notifikat bl-imsemmi rikors. Titlob li tinghata zmien biex tkun tista' tintavola risposta fir-rigward."*

Rat ir-risposta datata 17 ta' Novembru 2010 tas-socjeta intimata ghar-rikors promotur fejn qalet hekk:
Li permezz taghha tiddikjara illi ma topponix ghat-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu derivanti mill-ittra ufficcjali ezekuttiva bin-numru 3648/08 u dan sakemm ma jkunx hemm decizjoni definittiva fuq ir-rikors fl-istess ismijiet bin-numru 388/08 pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 t'April 2011 fejn din il-Qorti filwaqt li akkoljiet ir-risposta tal-intimat nomine fl-interezza taghha, irrespingiet it-talbiet tar-rikorrenti Tonna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2012, fejn dik il-Qorti annullat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 t'April 2011 (Rikors Nru. 59/09), ghaliex hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi kif hawn deciz, u ghalhekk baghtet l-atti lura lil din il-Qorti sabiex fid-dawl ta' dak deciz fl-istess sentenza, jigi trattat u deciz il-meritu tar-rikors promotorju.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2014 fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u iddikjarat li l-provvediment moghti fil-21 ta' Novembru 2008 minn din il-Qorti huwa llum res judicata bejn il-partijiet, u konsegwentement cahdet it-talbiet fir-rikors promotur tar-rikorrent.

Rat is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 li permezz taghha l-Qorti tal-Appell hassret id-decizjoni ta' din il-Qorti datata 17 ta' Novembru 2014, u ordnat li s-sospensjoni provvizjorja ta' l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skond id-digriet tal-20 ta' Frar 2009 tibqa' fis-sehh u rrinvjat l-atti ta' din il-kawza lura quddiem din il-Qorti ghal provediment finali skond l-ezitu tar-rikors numru 388/08.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza taghha tal-20 ta' Frar 2019 fir-rikors numru 388/08, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi, din il-Qorti:

1. cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata;
2. f'dak l-istadju, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata;
3. laqghet it-talba tar-rikorrent, u irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2008, u
4. appuntat r-rikors tar-rikorrent tal-31 ta' Ottubru 2008 ghas-smiegh ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-seduta tat-13 ta' Marzu 2019 fl-10.30 am.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2019, f'dawn il-proceduri, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi, ordnat li ghalissa s-sospensjoni provvizorja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut bl-ittra ufficjali numru 3648/08 in kwistjoni ghandha tibqa' fis-sehh, skond id-digriet tal-20 ta' Frar 2009 ta' din il-Qorti. L-ispejjez gew rizervati ghall-gudizzju finali.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2019, l-avukati difesnuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u r-rikors jista' jithalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess u dan pendenti l-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet rikors numru 388/08. Fir-risposta taghha, is-socjeta intimata ma oggezzjonatx ghal din it-talba. Ghalhekk l-ezitu tar-rikors promotur odjern jiddependi totalment mill-ezitu tar-rikors numru 388/08.

Ir-rikors numru 388/08 fl-istess ismijiet premessi, gie deciz b'sentenza tal-lum stess, u ghar-ragunijiet hemm esposti, din il-Qorti cahdet it-talba fir-rikors tar-rikorrent Mario Tonna, awtur tar-rikorrenti odjerni, tal-31 ta' Ottubru 2008 fl-interita taghha.

Konsegwentement, ma ghadx hemm raguni valida ghalfejn tibqa' vigenti s-sospensjoni provizorja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skond id-digriet tal-20 ta' Frar 2009.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. fil-waqt li qieghda tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2009;
2. tiddikjara li ladarba l-meritu tar-rikors 388/08 fl-istess ismijiet gie deciz illum stess, fejn din il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti f'dawk il-proceduri, m'ghadx hemm raguni valida ghalfejn ghandha tibqa' sospiza l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut bl-ittra ufficjali numru 3648/08 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u ghaldaqstant tichad it-talba fir-rikors promotur.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti, sakemm ma giex provdut mod iehor fis-sentenzi mill-Qorti tal-Appell moghtija f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**